**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 13 ta' April, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 203/2019 AF**

**Noel Xuereb**

**vs**

**Avukat Generali**

**u**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Noel Xuereb, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar l-24 ta' Jannar 2007 ir-rikorrent gie pprezentat taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja flimkien ma' Pierre Mercieca u akkuzat taht l-Artikoli 18, 115, 120, 124, 126, 127, 257, 10, 23, 31, 119, 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha nhar il-31 ta' Jannar 2007, f'liema seduta r-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest taht diversi obbligazzjonijiet fosthom li jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara darbtejn fil-gimgha.

Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Frar 2012, f'liema seduta gew moqrija l-Artikoli, 'il fuq minn hames (5) snin minn meta r-rikorrent gie mressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Id-Difiza bdiet tressaq il-provi taghha nhar it-3 ta' Mejju 2017 u ghalqet il-provi taghha nhar it-28 ta' Jannar 2019, u cioè f'inqas minn sentejn.

Il-partijiet trattaw il-kawza nhar it-13 ta' Marzu 2019.

Fl-1 ta' April 2019 inghatat sentenza, liema sentenza ma sabitx lill-esponent hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u in fatti gie liberat minnhom.

Bilkemm hemm ghalfejn jinghad illi t-trapass ta' tnax (12)-il sena sabiex tigi deciza tali kawza mhuwiex zmien ragjonevoli.

Ghar-ragunijiet premessi, tul il-perjodu ta' dawn it-tnax (12)-il sena d-dritt tar-rikorrent ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali hekk kif

applikabbli bhala parti fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-Kap. 319, kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, gie lez.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li t-trapass taz-zmien li l-proceduri istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Noel Xuereb et", li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' April 2019, hadu biex ikunu maghluqa u cioè trapass ta' tnax (12)-il sena, kien wiehed li jmur kontra l-principju ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Tindirizza dan in-nuqqas u ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem b'kumpens gust u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha gie eċċepiet illi:

Huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragonevoli huma l-komplessità tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir tal-awtorità gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-proceduri gudizzjarja, mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zehda u inkonsulta.

Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jirid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.

Finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessività tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz ha numru ta' snin biex gie deciz ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

Ghalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet lil Noel Xuereb jixhed viva voce.

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar 2020 fejn l-avukati tal-partijiet qablu li l-atti tal-proceduri kriminali fil-konfront ta' Noel Xuereb ghandhom jaghmlu parti mill-atti ta' dawn il-proceduri.

Rat l-affidavit prezentati.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-kawza li ghamel id-difensur tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Noel Xuereb qieghed jitlob dikjarazzjoni li d-dewmien fil-proceduri kriminali fil-konfront tieghu wassal ghall-ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu kif protetti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa qieghed jitlob ukoll kumpens gust.

Jirrizulta illi Noel Xuereb gie akkuzat fl-24 ta' Jannar 2007 taht l-Artikoli 18, 115, 120, 124, 126, 127, 257, 10, 23, 31, 119, 532A u 532B tal-Kap. 9 u l-Art. 50 tal-Kap. 50 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa gie liberat minn kull akkuza fl-1 ta' April 2019, cioè 12-il sena wara.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi ukoll illi:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Avukat Generali, deċiża fis-27 ta' Mejju 2016:

> *"Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessità tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case'."*

*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet Anton Camilleri v. Avukat Generali, fejn inghad:*

*Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited].*

*".... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited]."*

*Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta`*

*demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.""*

L-istess Qorti fl-imsemmi kawża ta' Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, deċiża fl-1 ta' Frar 2016, kienet qalet hekk:

*"... hu meqjus li l-ħtiega ta' smigħ xieraq għeluq zmien ragonevoli fil-kaz ta' procedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand"; Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3.*

*Illi għalhekk il-ħtiega ta' smigħ xieraq fi zmien ragonevoli taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettività u l-kredibiltà tal-gustizzja; (b) il-ħtiega li l-persuna mixlija tingħata l-opportunità ta' difiza xierqa u effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"; (c) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal zmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proceduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."*

Finalment, fil-każ ta' Zakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali, tal-15 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

*"In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessità tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.*

*Inoltre "l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]."*

*Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis ic-cirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessità tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet."*

It-test ta' dewmien raġjonevoli ma jiddentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina dak li jitqies raġjonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kienux raġjonevoli o meno.

Il-Qorti fliet l-iter processwali tal-kawza kriminali kontra r-rikorrenti fid-dawl tal-fuq riferiti principji u ssib illi fl-24 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti gie mixli b'korruzzjoni fl-iprocessar ta' tender pubbliku ghall-ghoti ta' kuntratt dwar is-sistema tal-informatika tal-isptar Mater Dei. Fil-31 ta' Jannar 2007 il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha. Kien dakinhar ukoll illi nghata l-helsien mill-arrest. Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha hames snin wara, fid-29 ta' Frar 2012, u gew moqrija l-Artikoli. Jirrizulta li mbaghad inbidel il-gudikant li hatar avukat sabiex jorganizza l-ammont ferm voluminuz ta' dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni. F'Mejju 2014 l-avukat hekk inkarigat irritorna l-process u b'hekk dan seta' jigi konsultat mid-

difiza.  L-ewwel differiment ghall-provi tad-difiza wara dan il-process kien fil-5 ta' Mejju 2015.  Kienu ghaddew tlett snin biex jigu organizzati d-dokumenti.  Jirrizulta li rega' nbidel il-gudikant wara l-irtirar tal-Magistrat precedenti.  Il-gudikant astjeniet u l-kawza giet assenjata lill-gudikant (li finalment iddecidiha).  Fid-19 ta' Ottubru 2016 giet eccepita l-inammissibilità tal-istqarrijiet tal-imputati u tal-intercettazzjonijiet telefonici.  Digriet dwar dan inghata fid-29 ta' Marzu 2017.  Effettivament ghalhekk il-provi tad-difiza tar-rikorrenti bdew jinstemghu fit-3 ta' Mejju 2017.  Sitt xhur wara d-difiza ta' Noel Xuereb iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-kawza thalliet ghall-provi tal-ko-akkuzat.  Wara li tqajjmet il-possibilità tas-separazzjoni tal-gudizzju li giet sorvolata wara zewg differimenti ohra, tressqu l-provi tal-akkuzat.  Il-kawza giet trattata fit-13 ta' Marzu 2019 u deciza xahar wara fl-1 ta' April 2019.

Il-Qorti tinnota li l-fatturi li kkontribwew ghad-dewmien kienu diversi.  Tqis li l-ebda wahda ma hija b'xi mod attribwibbli lir-rikorrenti stess.

Il-kawza nnifisha ma tidhirx li kienet ta' komplessità straordinarja.  Giet possibilment reza hekk minhabba l-volum esagerat ta' dokumenti li gew esibiti (tnax il-kaxxa) hafna minnhom bla htiega, tant li l-istess Qorti hasset il-htiega li tahtar avukat sabiex b'xi mod jorganizzahom.  Il-Qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2012 u r-referenza hemm ghal hafna dokumenti rrelevanti (kopja fol. 110 ta' dawn il-proceduri).  Din il-hatra nnifisha issarfet f'aktar dewmien qabel ma setghu jibdew effettivament u ragonevolment il-provi tad-difiza.  Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tal-intimati li galadarba l-provi tal-prosekuzzjoni nghalqu fl-2012, id-dewmien kollu ta' wara kien tort tad-difiza.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-kawza ghaddiet minn idejn erba' gudikanti differenti sa ma giet deciza.  Huwa fatt maghruf li kull darba li kawza tghaddi minn gudikant ghal iehor din rari tghaddi hekk wahedha izda tizdied "in bulk" ma xoghol iehor.  Dan bilfors jirrizulta f'dewmien aktar sakemm il-gudikant il-gdid jiehu konjizzjoni tal-kawza hekk mghoddija lilu u wkoll sakemm tigi ri-organizzata l-iskeda tas-seduti.

Ġie kemm-il darba ritenut mill-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li kull stat huwa responsabbli li jiggarantixxi biżżejjed riżorsi lill-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex ikunu jistgħu joperaw mill-aktar mod effiċjenti. Fost dawn is-sentenzi wieħed isib is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Marzu 2018 fl-ismijiet Colin John Marland vs. The Attorney General, fejn intqal hekk:

> *"It is the State's duty to ensure that the judicial [process] can run its course without undue delay. The Constitutional Court has previously observed that the Maltese courts are burdened with a heavy case load which often serves as an obstacle to the speedy determination of cases. This Court agrees with the opinion expressed many times by this Court as otherwise composed and the Constitutional Court that there exists an inherent deficiency in the justice system because the public authorities are failing their duty [to] ensure that there are enough resources for the court to be able to perform its duties satisfactorily. In this regard, the Court makes reference to the teachings of the ECHR that: "…it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee to everyone the right to a final decision within a reasonable time in the determination of his civil rights and obligations." [Frydlender v. France, ECHR 30979/96 decided 27th June 2000)."*

Kienu tassew ftit mid-differimenti mitluba li kienu hekk mitluba mir-rikorrenti ghalkemm kien hemm uhud mitluba mill-ko-akkuzat. Minn dawk mitluba minn Xuereb ma tirrizulta ebda wahda li ma kienetx gustifikata.

Kif intqal proprju fil-każ ta' David Marinelli vs Avukat Ġenerali et, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju 2008:

> *"Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-libertà jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista' jaccetta*

*certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali."*

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hija sodisfatta li kien hemm dewmien irraġjonevoli sabiex ġew konklużi l-proċeduri b'mod illi ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif protett bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjonali u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Rimedju</u>**

Bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet tiegħu, ir-rikorrrent qiegħed jitlob kumpens. Jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultattiv għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi bħala rimedju. Minn naha l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens, dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali.

Kif proprju ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' Gasan Enterprises Limited vs Awtorità tal-Ippjanar, deċiż fit-3 ta' Frar 2009:

*"Kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur tal-proprjeta in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza."*

Fil-kawża ta' Raymond Urry et vs Avukat Ġenerali, tas-27 ta' Frar 2015, il-Qorti Kostituzzjonali qieset li sabiex tasal għal ammont ta' kumpens ġust u li jkun jirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti għandha tikkonsidra, il-fatturi segwenti:

*"a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv; b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti; c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjetà li d-dewmien necessarjament iggenera f'persuna akkuzata; d. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom; e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri."*

Rilevanti wkoll is-sentenza mogħtija reċentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet Patrick Falzon vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, fejn intqal hekk:

*"Fis-sentenza ta' din il-Qorti aktar ricenti fl-ismijiet Victor Buttigieg v. Avukat Generali moghtija fis-26 ta' Jannar 2018, il-kumpens moghti ghal dewmien irragonevoli kien ta' €7,000 wara li gie kostatat li kull kaz kellu c-cirkostanzi partikolari tieghu li dawn ghandhom jigu meqjusa fil-likwidazzjoni tal-kumpens:*

*"Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tara x'kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili.""*

Ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma partikolarissimi. Meta gie rinfaccjat bl-akkuzi, Noel Xuereb kien impjegat ma' MITTS, illum MITA, "seconded" mal-Ministeru tal-Gustizzja u IT. Kien inkarigat minn progetti kbar tal-informatika u kien jifforma parti mill-Evaluation Committee tas-sejha ghall-offerti tas-sistema tal-informatika tal-isptar dak iz-zmien gdid, Mater Dei. Meta gie akkuzat, spicca bla impieg u, minkejja l-hafna sforzi tieghu, baqa' ma jistax isib xoghol fl-informatika, dana peress illi l-kaz tieghu kien inghata hafna pubblicità. Dak iz-zmien kien ghadu kemm jizzewweg. Peress li waqa' f'dipressjoni irrizulta li dan wassal ghal sterilità u hu u martu baqghu bla wild biologiku u waslu biex kellhom jaddottaw. Wiehed jinnota li x-xhieda tar-rikorrenti u ta' martu ma giet kontrastata b'ebda mod, tant li la

hu u lanqas martu ma gew sottoposti ghal kontro-ezami. Il-Qorti hija konvinta li l-hajja zaghzugha ta' din il-koppja iffaccjat trawmi u sfidi kbar u ta' dan jisthoqq kumpens xieraq, kumpens li ghandu jenfasizza li fuq proceduri kriminali hemm imdendla hajja ta' familja u bhala tali l-istat ghandu jassigura l-prosekuzzjoni efficjenti ta' akkuza u l-ispeditezza ta' kull procedura.

Meta tiffissa l-kumpens xieraq f'dan il-kaz il-Qorti qeghda zzomm quddiemha wkoll l-ammonti ngenti ta' kumpens li l-Qorti Kostituzzjonali qeghda konsistentement takkorda f'kazijiet ta' lezjoni tad-drittijiet relatati ma' proprjetà. Tqis li dan il-kaz ma haqqux anqas. Ir-rikorrenti kellu wisq "at stake".

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi t-trapass taz-zmien li l-proceduri istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Noel Xuereb et", li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' April 2019, hadu biex ikunu maghluqa u cioè trapass ta' tnax (12)-il sena, kien wiehed li jmur kontra l-principju ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Qorti tilqa' t-tieni talba u takkorda kumpens ta' mitt elf ewro, liema kumpens ghandu jithallas mill-intimati in solidum bejniethom.

L-istess intimati jhallsu ukoll l-ispejjez tal-kawza.

IMHALLEF

DEP/REG